MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 338/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**
**Vs**

**Geoffrey Xuereb**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-19 t'Awissu, 2005, ghall-habta tal-11.10 a.m., waqt li kien gewwa Triq id-Dalja, L/O Tal-Balal, San Gwann :
1) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied;
2) fl-istess data w hin, hebb ghal Dorianne Bianco sabiex jingurja, iddejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor;
3) ingurja w hedded lil Dorianne Bianco bi kliem.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-1 ta' Dicembru, 2005, li biha, wara li rat l-Artikoli 338(dd), 339(1)(d), 339(1)(e) u 17(c) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tat-tlett imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tieghu w ikkundannatu ghal piena ta' detenzjoni ghal perjodu ta' hmistax (15) il-gurnata.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 ta' Dicembru, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi :
1. (a) tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu hati tal-imputazzjoni taht l-ewwel akkuza; u
(b) thassaraha w tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati tal-imputazzjonijiet taht it-tieni w it-tielet akkuzi, u minnhom tilliberah skond il-ligi;
2. alternattivament u minghajr ebda pregudizzju ghall-fuq espost, u f'kaz li jigu michuda t-talbiet fuq esposti, joghogobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok il-piena ta' hmistax (15) il-gurnata detenzjoni, tigi mposta piena aktar gusta w ekwa ghac-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Frar, 2006, li bih l-appellant, permezz tad-difensur tieghu, rtira l-aggravji tieghu li jirrigwardaw il-mertu w llimita l-appell tieghu ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti;**

**Rat il-verbal tal-istess data li bih in vista tal-irtirar tal-aggravji dwar il-mertu da parti tal-appellant, il-Prosekuzzjoni w l-parte civile rrinunzjaw ghax-xhud Tiziana Vella;**

**Semghet ix-xhieda ta' Dorianne Bianco;**

**Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena,**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi issa li l-appell qed jigi limitat ghall-piena, din il-Qorti trid tara jekk f' dan il-kaz partikolari hemmx raguni biex tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti;**

**Illi jibda' biex jinghid li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet definittivament entro l-parameteri tal-ligi w lanqas ma kienet manifestament esagerata. Pero', trattandosi ta' incident bejn zewg mizzewgin li ghalkemm separati, ghandhom kuntatt kontinwu minnhabba li hemm it-tfal minuri li jridu jghaddu minn wahda ghal ghand l-iehor u vice versa, hu importanti li wiehed jaghti qies xieraq lil dak li** issa **xehdet il-*parte civile* w cioe' Dorianne Bianco quddiem din il-Qorti w li l-Ewwel Qorti ma kellhiex quddiemha.**

Din xehdet li mis-sentenza appellata 'l hawn ma kien hemm ebda ncidenti ohra. Hi ghalhekk m'ghadhiex thossha mhedda. <u>Ma tridx li t-tfal komuni taz-zwieg taghha mall-appellant isofru t-trawma li jaraw lil missierhom jintbaghat il-habs. Hi tkun sodisafatta jekk tigi imposta garanzija fuq zewgha li ma jersaqx lejha.</u>

**Ikkonsidrat;**

**Wara li qieset il-portata mhux gravi tal-incident innifsu kif iddeskrivietu l-*parte civile* Dorienne Bianco w l-appell li hi ghamlet lil din il-Qorti biex zewgha ma jintbaghatx il-habs fl-interess ta' uliedhom, u stante li l-incident ma regax irripeta ruhu, din il-Qorti, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, thoss li ghalkemm il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda gusta w zgur entro l-parametri tal-ligi, jkun ahjar li minnflok piena karcerarja jkun hemm piena pekunjarja, akkompanjata minn garanzija adegwata imposta fuq l-appellant li ma jimmolesta b'ebda mod lil Dorianne Xuereb.**

**Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu w tirrevokaha fejn ikkundannatu ghall-piena ta' detenzjoni ghall-periodu ta' hmistax il-gurnata w minnflok tikkundannah ghall-hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) ammenda fuq kull wahda mit-tlitt imputazzjonijiet, u cioe' hamsa w sebghin lira Maltin (LM75) b' kollox, b' dana li jekk ma jithallsux minnufieh, dawn l-ammendi jigu konvertiti fi hmistax (15) il-jum detenzjoni skond il-ligi w inoltre, wara li rat l-artikolu 383 (1) tal-Kodici Kriminali, biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Dorianne Bianco w sabiex jinzamm l-ordni pubbliku, flimkien mall-piena fuq erogata, qed torbot lill-appellant b' obbligazzjoni tieghu nnifsu li b' ebda mod ma jimmolesta jew idejjaq lill-istess Dorianne Bianco, fi zmien sena mil-lum, u dan taht penali ta' mitt lira Maltin (LM100) jekk hu b' xi mod kwalsiasi jikser din l-obbligazzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------